# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

Appell Numru 9/2018

Allied Newspapers Limited

Vs

Foundation for Medical Services

Decision 30 ta' Janner 2020

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal,

Dan huwa appell tal-Kondazzjoni għas-Servizzi Medici mid-deċiżjoni mil-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data tat-22 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha laqa (1) l-ewwel talba tas-soċjetà appellata u ddeċieda hekk: *In the spirit of transparency and accountability the commissioner resolves that there are no impediments for the Public Authority to accede to the applicant's request. Consequently by virtue of Article 12(1)(a) of the Act however after redacting personal data relating to Ms Ciantar and Mr Gafa other than those constituting the compensation and conditions of the positions held, the Public authority shall provide the applicant with access to the redacted contract by not later than twenty (2) working days from the receipt of this decision. A date when the inspection of the agreements is to be carried out shall be jointly established and agreed between the Public Authority and the applicant. It is being recommended that the Public authority sets a deadline by when such inspection shall be effected and confirmation of the action taken shall be notified to the Commissioner immediately thereafter. Failure to comply with these instructions, the Public Authority may be subject to the appropriate enforcement action.* "u (2) ċaħad it-tieni talba tal-istess soċjetà li tingħata " A list of consultants/advisors engaged with FMS after 3rd July 2016 stante li dak mitlub diġà jinstab fid-dominju pubbliku.

Illi fid-dikjarazzjoni tal-Każ, l-Kummissarju jispeċifika li dwar l-ewwel talba , l-Kummissarju ddeċieda li wara li titneħħa kull informazzjoni personali li għandha x'taqsam mas-Sinjura Carmen Ciantar u s-Sur Neville Gafa ħlief dik dwar xi kumpens u kundizzjonijiet tal-karigi tagħhom, l-Awtorità Pubblika għandha tgħaddi lill-applikant aċċess għad-dokumenti rikjesti bis-saħħa tal-artikolu 12 (1)(1) tal-Att u dwar it-tieni talba huwa wasal għal konklużjoni li jiċħadha peress li l-informazzjoni rikjesta hi aċċessibbli għall- pubbliku.

It-talba hija sabiex dan it-Tribunal jirriforma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-22 ta' Novembru 2018 billi jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu rigward it-tieni talba u jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tiegħu għar-rigward l-ewwel talba in kwantu li tordna li l-kuntratti ta' impjieg ta' Carmen Ciantar u ta' Neville Gafa m'għandhomx jiġu żvelati.

Illi l-ewwel talba tas-soċjetà appellata kienet kif gej: A copy of employment agreements and all annexes between Neville Gafa and FMS entered into after 13 April 2017 and a copy of employment contracts and all annexes between Ms Carmen Ciantar and FMS entered after 3rd July 2016.

It-tieni talba: a list of consultants advisors engaged with FMS after 3rd July 2016.

l-aggravji tas-soċjetà appellant huma dawn: li l-klawżoli ta'kunfidenzjalita fil-kuntratti ta' Ciantar u Gafa jirbħu fuq l-interess pubbliku; u t-tieni agravju hu bażat fu l-artikolu 38 ( c ) dwar l-Libertà u l-Informazzjoni u li għalhekk l-iżvelar tal-kundizzjonijiet ta' impjieg fi kwalunkwe entita' kemm dik pubblika u kif ukoll privat jista' jkollhom effett negattiv fuq il-kollegi sħabhom li jiffurmaw parti mill-istess entita' u għaldaqstant fuq l-operat xieraq tal-istess entita'.

Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata rrilevat li t-tieni agravju cioe li jekk tingħata l-informazzjoni mitluba dan ser ikollu effett ħażin sostanzjali fuq it-tmexxija xierqa u effiċjenti tal-operazzjonijiet ta' awtorità pubblika, dan mhux proponibbli stante li huwa argument ġdid li qatt ma tressaq mill-appellanti u allura lanqas kunsidrat mil-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu u dwar l-ewwel agravju hija tgħid li dan huwa ripetizzjoni tal-argumenti mressqa quddiem il-Kummissarju; li kull impjega għandu jkun suġġett għal prinċipji tat-trasparenza; u li fejn jidħlu positions of trust dan l-iskrutinju huwa aktar bżonjuż għax ma jkun hemm ebda trasparenza; li huwa inkoncepibbli l- awtorità pubblika tipprova tistrieħ fq klawsola ta' kunfidenzjalita li hi stess iddaħħal f'kuntratt li għandha ma impjegat tagħha biex ma tiżvelax l-istess kuntratt li huwa ta' interess pubbliku.

Ra n-nota tal-Fondazzjoni appellant tat-28 ta' mejju 2019 li permezz tagħha ġie esebit l-kuntratt ta' impjieg ta' Neville Gafa u l-addendum għal kuntratt ta' Carmen Ciantar tal-4 ta' Lulju 2016 bil-figuri ta' kemm kienu ser idaħlu minn dan il-kuntratt mgħottija.

Ra l-kuntratt ta' Carmen Ciantar esebit minn Ivan Camilleri fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019 u li huwa jgħid li ġie mgħoddi lilhom a bazi tal-Freedom of Information Act. Fl-istess xhieda Camilleri jgħid li t-talba hija dwar it-tieni kuntratt jekk kienx imġedded u jekk ġie mġedded x'kondizzjonijiet fih.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019 ta' Dr Paul Micallef Grimaud għas-soċjetà appellata li permezz tiegħu rrileva li d-dokumenti preżentati mil-Fondazzjoni ma fihomx id-dettalji li kellhom jingħataw skont l-ordni tal-Kummissarju u cioe biċċiet dwar il-pakkett finanzjarju kif ukoll li huwa fl-interess pubbliku li isir kummentarju jew rapportaġġ fuq l-informazzjoni li qed tintalab.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgħa lil partijiet jitrattaw l-appell.

Ikkonsidra

Li dan huwa appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju li ordna lil Fondazzjoni sabiex wara li titneħħa kull informazzjoni personali li għandha x'taqsam mas-Sinjura Carmen Ciantar u s-Sur Neville Gafa ħlief dik dwar xi kumpens u kundizzjonijiet tal-karigi tagħhom, l-Awtorità Pubblika għandha tgħaddi lill-applikant aċċess għadd-dokumenti rikjesti bis-saħħa tal-artikolu 12 (1)(1) tal-Att .

Li l-kuntratt ta' Carmen Ciantar tal-4 ta' Lulju 2015 li skada fl-4 ta' Lulju 2019 ma għandux confidentiality clause u din ġiet introdotta fl-addendum għal dan il-ftehim li sar fit-28 ta' Frar 2018 u li tgħid hekk:

" *This contract is a confidential contract between the parties and no part of the contract can be divulged to any third party by any of the parties without the written consent of the other party except to the Minister for Health."* Jidher ghalhekk li din tirreferi biss ghal dan il-kuntratt li jirrigward l-pakkett finanzjarju ta' Carmen Ciantar. Il-kuntratt ta' Neville Gafa tal-14 ta' April 2018 ghandu inkluza l-istess confidentiality clause (para 21).

l-appellanti

Ma hux kontestat li l-Fondazzjoni hija waħda pubblika u finanzjata minn fondi pubbliċi ; kif ma hux kontestat li l-paga taż-żewġ sinjuri toħroġ minn fondi pubbliċi. Illi l-confidentialy clauses ħafna drabi magħrufa bħala gagging clauses veru li jorbtu lil partijiet iżda veru wkoll li huma suġġetti għal Att dwar l-Libertà tal-Informazzjoni u din tista' tingħata jew bil-kunsens tal-parti, jew bil-liġi jew meta hemm dak li jissejjaħ overriding public interest.

Illi fl-Iskozja per eżempju taħt The Freedom of Information (Scotland) Act 2002, meta jkun hemm klawżoli ta' konfidenzjalita f'kuntratt, liema klawżoli jissodisfaw il-kriterji tal-eżenzjoni taħt dan l-Att, trid tiġi inkluża annex mal-kuntratt : "identifying why the information is confidential, that it disclosure would 'prejudice substantially' the party's commercial interest and for how long. Information in the main bod of the contract can then be released promptly in response to a request for information under the Act. Include within the contract "the proviso that information which is not in fact exempt under the terms of the Act or whose disclosure is required on public interest grounds may have to be disclosed regardless of any agreement." Ann Jones University Architivis Heriot-Watt University.

Illi l-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta cioe l-Att dwar l-Libertà tal-Informazzjoni fit-Taqsima V tiegħu jagħti r-raġunijiet biex dokumenti uffiċjali ma jkunux żvelati taħt dan l-Att. Il-Fondazzjoni appellant qed tibbaża l-agravju tagħha fuq l-artikolu 31(2) tal-istess Att cioe *" Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu that dan l-Att jagħti lok għal azzjoni minn persuna (minbarra awtorità pubblika ) għal ksur ta' konfidenzjalita. ";* u fuq l-artikolu 12 (2)( c) tal-istess Att.

Illi biex dokument ikun eżentat skond l-istess Kap, skond it-tifsira tiegħu fl-artikolu 2 ifisser 'dokument li mhux suġġett għall-iżvelar that dan l-Att skont it-Taqsimiet V u VI". It-tifsira ta' dokument eżentat moghtija fit-Tawsima V ma tinkwadra fl-ebda wahda mic-cirkustanzi msemmija ghal kaz prezenti, u l-istess jista' ingħat għat-Taqsima VI li tirrigwarda raġunijiet oħrajn biex ma tingħatax informazzjoni uffiċjali.

Li għalhekk dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-appellanti meta jikkontendi li l-kuntratti tax-xogħol ta' Carmen Ciantar u ta' Neville Gafa għandhom jiġu meqjusa bħala 'dokument eżentat' u li konsegwentement l-artikolu 31(2) tal-Kap 496 ma japplikax. L-istess jingħad għar-raġuni l-ohra mogħtija mill-appellanti għaliex l-appell għandu jintlaqa u cioe ai termini tal-artikolu 12 (2) ( c ) tal-istess Att u cioe tali informazzjoni ma għandhiex tingħata għax tippreġudika l-interessi protetti mit-Taqsima V u t-Taqsima VI u fil-każ ta' interessi protetti mit-Taqsima VI m'hemm interess pubbliku kuntrarju l għandu aktar importanza min dawk l-interessi.

Dan stante li meta wieħed jevalwa l-interess pubbliku mal-interess tal-Fondazzjoni, meta l-Fondazzjoni hija finanzjata minn fondi pubbliċi u meta kuntratt ta' xogħol ta' Ciantar u ta' Gafa ma jistgħax jitqies bħala dokument eżentat, u meta l-interess pubbliku sabiex ikun jaf kemm dawn qed jitħalsu mit-taxxi tal-poplu aktar u aktar meta x-xogħol ingħata lilhom mhux b'sejħa b'pubblika iżda b'direct order qua persons of trust, aktar wieħed jifhem kemm dan l-interess pubbliku jiżboq bil-kbir l-interessi tal-istess Fondazzjoni appellant u għalhekk ma jistgħax jaqbel mal-appellanti meta jgħid li l-kuntratti ta' kunfidenzjalita jirbħu fuq l-interess pubbliku. Kieku verament kien il-każ cioe li kull kuntratt ta' kunfidnezjalita jirbaħ fuq l-interess pubbliku kieku din l-liġi tirrendi ruħha ineffettiva u ma hi tajba għal xejn. Iżda kif ġie osservat mhux kull kuntratt li għandu din il-klawsola ta' konfidenzjalita huwa kuntratt eżentat u l-kuntratti tax-xogħol imħallsa minn fondi pubbliċi ma jistgħu jitqiesu li huma kuntratti eżentati.

It-tieni raġuni mogħtija mill-appellanti hija li - l-iżvelar tal-kundizzjonijiet ta' impjieg fi kwalunkwe entita' kemm dik pubblika u kif ukoll privat jista' jkollhom effett negattiv fuq il-kollegi sħabhom li jiffurmaw parti mill-istess entita' u għaldaqstant fuq l-operat xieraq tal-istess entita'.

Illi dwar din ir-raġuni ma tresqu ebda provi dwar dan u jekk l-appellanti huwa mħasseb dwar dan, kien missu raħ qabel ma huwa ta dawn il-kuntratti tax-xogħol in kwistjoni. Inoltre jiġi rilevat li l-artikolu 32 ( c ) li fuqu qed jibbaża dan l-aggravju tiegħu l-appellanti jistipula li tali effett ħażin ikun sostanzjali fuq it-tmexxija xierqa u effiċjenti tal-operazzjonijiet ta' awtorità pubblika u mhux fuq il-kollegi sħabhom kif qed jikkontendi l-appellanti. Lanqas dwar dan ma saret ebda prova mill-appellanti.

Dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Ingliż fl-appell li sar minn ġurnalist Brendan Montague vs Tate Gallery li a bazi tal-Freedom of Information Act talab informazzjoni dwar kemm il-BP qed jagħtu sponsorship lil Tate Gallery liema talba ġiet miċħuda mill-Kummissarju u għalhekk Montague appella. It-Tribunal kkonkluda li Tate Gallery naqset milli tipprova li tali informazzjoni tikkawza 'any reputational damage which would harm its ability to secure future sponsorship. " u li "public authorities duties under the Freedom of Information Act" are not excluded or limited by confidentiality closure." , u laqgħet in parte l-appell ta' Montague.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-Fondazzjoni appellanti.

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru